# Paċi u Ġid

No. 83 : Marzu 2016



"There is an aspect of mercy that goes beyond the confines of the Church... may it eliminate every form of closed-mindedness and disrespect, and drive out every form of violence and discrimination."

Pope Francis



## Il-messaġġ tal-Madre Provinċjali Sr Josephine Xuereb

Għeżież qarrejja,

Ninsabu fiż-żmien qawwi tar-Randan bi tħejjija għall-festa l-kbira tal-Għid. Matul din is-sena qed niċċelebraw il-Ġublew tal-Ħniena bil-motto 'Ħennu bħal Missier', f'dan iż-żmien ta' riflessjoni jgħinna biex nagħmlu esperjenza mill-qrib tal-ħniena t'Alla. L-għajta tal-Liturġija hija 'ċarrtu qlubkom u mhux ilbieskom', tgħinna nirriflettu l-ħtieġa li niftħu qalbna beraħ għal Alla u nerġgħu nduru lejH għax huwa Alla li jħenn u jagħder. Alla ma jħarisx lejn id-dgħufija tagħna iżda lejn l-isforzi tagħna biex nimxu dejjem skont il-kmandamenti tiegħu.

Il-Papa Franġisku qiegħed kontinwament iħeġġiġna biex induru lejn Alla, aħna min aħna u għamilna x'għamilna fil-ħajja tagħna u nitolbuh maħfra għax Alla huwa dejjem lest li jaħfrilna u jħabbibna miegħu. Ejjew mela matul dan iż-żmien qawwi fil-liturġija nirrikorru lejn is-sagrament tar-rikonċiljazzjoni b'qalbna mimlija fidi u tama fil-ħniena u l-imħabba t'Alla biex inkunu nistgħu tassew niċċelebraw il-Qawmien ta' Kristu bħala persuni mġedda fil-fidi li Alla jħobbna u huwa dejjem magħna.




Nixtieq nieħu din l-opportunità biex minn qalbi nawguralkom l-Għid it-Tajjeb lilkom u lill-familji tagħkom. Il-Mulej jagħtikom is-Sliem!

Tagħkom fi Kristu Rxoxt,
Sr Josephine Xuereb
Superjura Provinċjali





# "Bħalma hu t-tafal f'idejn il-fuħħari, hekk intom f'idejja" (Ġer 18:6)

***Professjoni Temporanja***
***Sr Matlene Hatalan Falzon u***
***Sr Anne Marie Mifsud***



It- 8 ta' Diċembru 2015, għalina s-sorijiet kienet data importanti fl-istorja tal-Kongregazzjoni tagħna. Ta' valur mhux għax biss hija d-data tal-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni, Padruna tal-Ordni Franġiskan, imma bil-wisq iktar għaliex żewġ żgħażagħ wegħdu li jingħataw kollhom kemm huma lil Alla permezz tal-Professjoni Temporanja.

In-Novizzi Matlene u Anne Marie, kien ilhom erba' snin f'esperjenza aktar mill-qrib ma' Ġesù fi ħdan id-dar tal-formazzjoni, fejn komplew u għadhom qed jiddixxernu b'iktar intensità din l-għamla ta' ħajja. Għalina s-sorjiet, li flimkien magħhom imxejna din it-triq tal-bidu, dil-ġurnata kienet ta' tiġdid fil-ħajja fraterna u spiritwali tagħna.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija saret fil-knisja ta' San Franġisk, l-Imsida, fejn numru sabiħ ta' saċerdoti kkonċelebraw flimkien mal-Ministru Provinċjal, Patri Richard S. Grech OFM. L-atmosfera fi ħdan il-poplu t'Alla kienet waħda mimlija emozzjoni u tqanqil fl-Ispirtu.



***Sr Matlene:*** "It-tema magħżula għal din iċ-ċelebrazzjoni hekk sabiħa kienet: ***"Bħalma hu t-tafal f'idejn il-fuħħari, hekk intom f'idejja"***, sentenza meħuda mill-ktieb tal-Profeta Ġeremija, li għalina tfisser ħafna għal ħajja li qegħdin ngħixu f'din id-dinja. Il-Profeta Ġeremija kien sinjal għan-nies taż-żmienu minħabba l-fatt li ma kien marbut ma' xejn, speċjalment dak li għandu x'jaqsam ma' rabta fiż-żwieġ, u l-istess aħna; dak li wegħdna nhar it-8 ta' Diċembru 2015, kien proprju sinjal għan-nies ta' madwarna li Ġesù għadu jsejjaħ żgħażagħ ġenerużi u li minn dik il-ġurnata stess, pubblikament, sirna dak it-tafal f'idejn il-fuħħari, li huwa Kristu. Il-Mulej riedni noħroġ mill-*Comfort Zone* tiegħi sabiex Hu jkun jista' jiffurmani f'persuna aħjar milli jien; persuna li lesta li tħalli lil Ġesù jkun Il-Kollox tagħha. Mhix ħaġa faċli li tħalli kollox u timxi wara Ġesù, iżda lanqas hija impossibbli. Bil-preżenza t'Alla f'ħajti, bir-rieda tiegħi magħquda ma' Tiegħu, u permezz ta' ħuti fil-fraternità, nista' nasal li nkun Dixxiplu ta' Kristu u nwassal lil din l-Imħabba li mhix maħbuba għand dawk li għadhom m'għarfuhiex."



***Sr Anne Marie:*** "Nhar it-8 ta' Diċembru 2015, esperjenzajt ġurnata sinifikanti ħafna fil-ħajja tiegħi. Wara żmien ta' preparazzjoni, waslet il-ġurnata fejn jiena flimkien ma' Sr Matlene tajna l-ewwel iva tagħna definittiva lil Alla. L-emozzjonijiet kienu diversi, fosthom ferħ u biża'. Il-biża' ma kinitx dik li ġejja minn twerwir iżda ġejja mill-fervur li jiena kont qed nesperjenza biex ma mmurx kontra ta' dak li kont ser inwiegħed. Min- naħa l-oħra kelli ferħ kbir. Ferħ li ma kienx ġej għax matul dik il-ġurnata kont waħda mill-protagonisti tal-ġurnata iżda ferħ li kien ġej mill-imħabba ta' Ġesù lejja u tiegħi lejh. Fost kollox matul din iċ-ċelebrazzjoni, ingħatajna l-ewwel darba l-abitu ta' sorijiet. Tista' timmaġina l-istagħġib fuq wiċċ kulħadd hekk kif xrifna fil-bieb tal-knisja lebsin l-abitu. Dan għad-dinja tal-lum ifisser ħafna. Forsi ftit nies jafu tassew xi jfissru l-wegħdiet li aħna pprofessajna iżda meta jaraw l-abitu, jifhmu li aħna sinjal tal-Imħabba kollha ħniena ta' Ġesù."

## Ġublew Straordinarju tal-Ħniena...
## X'inhu l-vera tifsira ta' din is-Sena?

Il-Papa Franġisku ddedika din is-sena għal Ġublew Straordinarju tal-Ħniena biex jistieden lill-Knisja Kattolika, jiġifieri aħna lkoll, ħalli tinbidel f'familja mhux li tikkundanna jew li tagħmel ġudizzju, iżda li tkun taf taħfer u mimlija ħniena fl-imħabba li tagħti. Fid-dokument li Papa Franġisku ħareġ meta ħabbar dan il-ġublew, *Misericordiae Vultus*, jgħid li "l-kredibbiltà tal-Knisja tgħaddi mit-triq tal-imħabba ħanina u kollha kompassjoni...Forsi għal ħafna żmien insejna nuru liema hi u ngħixu t-triq tal-ħniena" (MV, 10)



Matul iż-żmien ta' ġublew, il-Knisja tfittex li tenfasizza wieħed mill-karattru prinċipali tagħha, u tagħmlu viżibbli għal kulħadd. Din il-karatteristika hija l-ħniena u l-kapaċità bla waqfien li tilqa' u taħfer lil kull bniedem li għandu bżonn li jiġi maħfur, kemm dawk li għadhom ħajjin kif ukoll dawk li diġà mietu.



Il-Knisja hija msejħa biex timxi fuq il-passi ta' Ġesù li f'diversi partijiet tal-Evanġelju jgħidilna li Hu ġie biex ifittex lill-midneb, lin-nagħġa l-mitlufa, biex ifejjaq lil min hu marid, biex jeħles lil min huwa priġunier. B'dal mod Huwa jirrivela l-wiċċ awtentiku t'Alla, Missieru u Missierna li huwa "għani fil-ħniena".

Wasal iż-żmien fejn il-Knisja tibda tgħix tassew il-ferħ tas-sejħa għall-ħniena. Papa Franġisku jistedinna sabiex naħsbu ftit dwar ir-relazzjoni li teżisti bejn il-ħniena u l-ġustizzja, u jgħid hekk, "mhumiex żewġ aspetti kontra xulxin, imma żewġ dimensjonijiet ta' realtà waħda li tiżviluppa bil-mod il-mod sakemm tilħaq il-qofol tagħha fil-milja tal-imħabba."(MV, 20) Franġisku jgħid li f'diversi testi tal-bibbja nsibu li, "normalment wieħed jifhem l-osservanza sħiħa tal-Liġi u l-imġieba ta' Israelita tajjeb li joqgħod għall-kmandamenti mogħtija minn Alla", iżda huwa jkompli: "imma din il-viżjoni mhux darba jew tnejn wasslet lill-bniedem biex jaqa' fil-legaliżmu, għax tilef is-sens oriġinarju u dallam il-valur profond li għandha l-ġustizzja."(MV, 20).



Hemm diversi modi fejn tista' turi ħniena mal-proxxmu u biex din is-sena tkun xi ftit differenti mis-snin l-imgħoddija, bħal pereżempju;
*i) Taqsam dak li għandek ma' min hu l-iktar fil-bżonn u ċempel lil xi ħadd li jinsab waħdu/waħedha, u m'għandhu/a lil ħadd.*
*ii) Tikteb ittra ta' maħfra lil xi ħadd; u jekk ma tistax tibgħatha, mur quddiem Ġesù fl-Ewkaristija u itolbu li jkollu ħniena minnek u minn min kont se tibgħat dik l-ittra.*
*iii) Tgħallem din it-talba u agħmilha tiegħek kuljum: "Mulej, bierek lil (semmi l-isem ta' dik il-persuna l-iktar li ddejqek) u uri ħniena magħha u miegħi.!"*
*iv) Kun persuna li tħalli lil ħaddieħor jgħinek; ikun hawn nies li jħossu l-bżonn li jkunu t'għajnuna għal xi ħadd.*
*v) Rażżan ilsienek u jekk kont ta' dwejjaq u tfixkil għal ħaddieħor, ammetti l-iżball u itlob maħfra lil min tkun dejjaqt.*

Jeżistu aktar modi fejn tista' turi ftit ħniena miegħek innifsek u mal-oħrajn. Jien ukoll, bħal Papa Franġisku, nistiednek sabiex din is-sena tkun għalik ta' grazzja mingħand Alla u ta' kreattività fejn t'esperjenza ħajja ġdida f'ħajtek illum.

# Aqta' min ġie jarana?! St Francis School Msida

Il-Milied huwa żmien li jġib miegħu ferħ, għaqda u sens qawwi ta' stennija kemm fil-kbar kif ukoll fiż-żgħar. Kulħadd mehdi jżejjen id-dar, jixtri r-rigali u jipprepara għal avvenimenti li huma marbuta ma' dan iż-żmien speċjali. Dan l-ispirtu ta' ferħ jidher b'mod partikolari fit-tfal għaliex ikunu ħerqana kemm għall-vaganzi u l-attivitajiet tal-Milied, kif ukoll għar-rigali.  Iżda l-Milied ifisser ħafn'aktar minn hekk.  Dis-sena fl-iskola tagħna ta' St. Francis fl-Imsida, ħsibna li niċċelebraw daż-żmien qaddis billi nwasslu messaġġ importanti lit-tfal - kemm ferħ ġewwieni wieħed jista' jgawdi meta jaqsam dak li għandu mal-oħrajn.



Iċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' San Nikola fl-iskola tagħna nibtet sewwasew biex tgħinna nwasslu dan il-messaġġ.  San Nikola – karattru storiku li sfortunatament intesa minħabba l-figura ta' Father Christmas - huwa l-patrun tat-tfal u huwa magħruf għal kemm kien iħobb iqassam il-ġid tiegħu lill-foqra. Iżda San Nikola ma kienx iħobb ikun fiċ-ċentru tal-attenzjoni u b'umiltà kbira kien iqassam u jagħti kollox bil-moħbi.  B'hekk kien jitfa' l-attenzjoni tal-għemejjel tiegħu fuq Kristu u bl-azzjonijiet tiegħu kien iwassal lil Kristu għand kulħadd.



Dan u aktar fatturi fuq ħajjet San Nikola qsamnihom waqt quddiesa speċjali li organizzajna fl-iskola tagħna nhar l-4 ta' Diċembru li għadda. It-tfal kienu mitluba jagħżlu u jġibu magħhom xi ġugarell sabiex jagħtuh lil tfal li fil-Milied ma kinux ser jirċievu rigali. Sħaqna fuq il-punt li ma jistax ikun oġġett mixtri iżda xi ħaġa li hi tagħhom. It-tfal laqgħu din l-istedina b'mod eċċezzjonali għaliex kien hemm min saħansitra ġab żewġ rigali jew aktar! Iżda l-quddiesa dak-inhar kienet speċjali għal ħaġa oħra.

Wasal ħin l-omelija u ħin bla waqt ... BUMM!!!  Ħabbat il-bieb tal-knisja!  Fr. Joe Vella O.Carm li dak il-ħin kien qed jagħmel l-omelija, inħasad bħalma nħasad kull min kien preżenti imma pront sellem lil min ra dieħel mill-bieb tal-knisja.  Ma kien ħadd ħlief San Nikola b'baklu f'id waħda u xkora f'idu l-oħra. San Nikola baqa' miexi tul il-korsija sa ma ltaqa' ma' Fr. Joe. San Nikola newwillu l-ixkora waqt li qallu li ġie sabiex jagħtina rigal kbir. Meta Fr. Joe fetaħ l-ixkora, sab li dan ir-rigal ma kien xejn għajr Ġesù Bambin. X'ħin għollieh biex jurih lit-tfal, kulħadd infexx f'ċapċipa kbira u spontanja. San Nikola wasslilna lil Ġesù Bambin. Kien l-isbaħ rigal tal-Milied li stajna nirċievu.

Wara dan, it-tfal telgħu joffru r-rigali li kienu ġabu magħhom, tpoġġew mad-dawra tal-artal u Fr. Joe berikhom. San Nikola feraħ ħafna b'dan u b'radd ta' ħajr għal dan l-eżempju tajjeb, huwa ta lil kull tifel u tifla gallettina mdaqqsa magħmula mill-gingerbread u miksija b'ġelu u bix-xbiha ta' dan il-qaddis! Kienet tassew festa li ħadd minna mhu ser jinsa, la t-tfal u lanqas aħna l-kbar.  Minkejja x-xogħol u l-preparazzjoni kollha li kienet meħtieġa, stajna ngawdu sens qawwi ta' għaqda u paċi.  Esperjenzajna l-ferħ veru li Kristu biss jista' jnisslilna f'qalbna u doqna kemm tabilħaqq hu minnu kliem San Franġisk t'Assisi meta jgħid li, 'meta nagħtu aħna naqilgħu!'.



# Purċissjoni bil-Bambin

Ms Christine Trevisan




Nhar il-11 ta' Diċembru 2015, l-iskola St. Francis tal-Imsida organizzat il-Purċissjoni tradizzjonali bil-Bambin. Għal din il-Purċissjoni ħadu sehem iż-żewġ klassijiet tal-Ewwel Sena. L-idea wara din l-attività kienet li t-tfal ikunu esposti għat-tagħlim u t-tradizzjonijiet li ħallielna San Ġorġ Preca filwaqt li terġa' tikber l-imħabba u d-devozzjoni lejn din il-Purċissjoni mill-kbar, li xi ftit jew wisq żgur li xi darba jew oħra kienu semgħu jew attendew għaliha fi tfulithom. Kien għalhekk li l-ġenituri u l-familjari tat-tfal ġew mistiedna l-iskola dakinhar biex jieħdu sehem attiv fiha.



L-attendenza kienet numeruża u ta' inkoraġġiment kbir. Fost eċitament kbir it-tfal libsu kostum xieraq - min bil-fanali, min iżomm il-lanterni u min jerfa' lill-Bambin innifsu. Il-Purċissjoni bdiet mis-sala t'isfel. Hekk kif bdew l-ewwel daqqiet fuq il-kitarra minn Sr Elaine, it-tfal kienu pronti bdew ikantaw innijiet tradizzjonali Maltin bħal Ninni La Tibkix Iżjed u Ninni Ninni u t-tfal bdew miexja tul il-kuritur. Mal-waqfa ħdejn kull klassi, tifla mill-kor ħabbtet fuq il-bieb u staqsiet tistax tidħol tkanta ma' sħabha. M'għandniex xi ngħidu, kull mistoqsija kellha tweġiba pożittiva u t-tfal issuktaw bil-kant.



Il-Purċissjoni laħqet l-għan tagħha fis-sala ta' fuq, fejn il-ġenituri nġabru biex jisimgħu l-messaġġ tal-Milied, li din is-sena kien f'għamla ta' poeżija bl-isem 'Il-Ġrajja ta' Diċembru' miktuba minn Emanuel Debono u adattata mill-għalliema Ms Christine u Ms Marthese. Il-poeżija tirrakkontata l-ġrajja ta' Diċembru, xahar li jħossu tant kburi li fih infakkru l-ġrajja tal-Milied u t-twelid ta' Ġesù imma fl-istess ħin dan il-ferħ jiġi mtappan bil-kummerċjaliżmu sfrenat li jsir. F'din il-poeżija, Diċembru jisħaq li għandna nagħtu kas l-iżjed l-affarijiet spiritwali u li aħna għandna nkunu dawk responsabbli li nxerrdu l-ferħ, il-paċi u s-sliem mhux tul dan ix-xahar biss imma tul is-sena kollha. L-attività ntemmet billi t-tfal kantaw innu ieħor ta' awguri għall-Festi tal-Milied.




Wara dan, sabiex titkompla t-tradizzjoni tal-Milied kif niċċelebrawh aħna l-Maltin, il-ġenituri u l-mistednin kienu mistiedna mill-kap tal-iskola Sr. Carmen għal belgħa kokotina sħuna u biċċa qagħqa tal-għasel, xi ħaġa li niżlet tajjeb ħafna ma' kulħadd.



L-apprezzament għal dan kollu ntwera ukoll mid-donazzjonijiet ġenerużi li nġabru bħala fondi għall-iskola. Ħajr lil kull min ġie u kkontribwixxa f'dan ukoll.

Jalla l-ferħ u l-entużjażmu li ħassew it-tfal dakinhar tal-purċissjoni jibqa' jħeġġeġ ġo qalbhom is-sena kollha. Kien ferħ li tant ġab għaqda bejniethom li nissel tbissima serena fuq wiċċ il-kbar ukoll. Kien ferħ innoċenti li la ġie mill-ġugarelli, la mill-ħwejjeġ tal-aħħar moda, la mill-ħruġ fi stabbilimenti kbar tal-ikel u lanqas mil-logħob diġitali. Kien ferħ nadif fi spirtu veru ta' ħerqa u stennija għal Ġesù biex jitwieled f'qalbhom. Ninsabu lkoll ħerqana biex, jekk Alla jrid, nerġgħu niltaqgħu f'Purċissjoni bil-Bambin oħra biex nieħdu doża oħra tajba ta' ferħ kuntaġġuż miċ-ċkejknin tagħna.

**Tiftixa N.1: Il-Parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb**

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Z | L | W | U | M | E | J | J | E | D | T | F | R | V | G |
| E | K | U | L | M | O | H | T | A | B | A | R | A | M | E |
| J | N | I | L | E | L | L | A | H | V | L | I | G | I | R |
| T | K | E | B | L | A | Q | T | I | E | G | H | E | K | I |
| G | O | S | N | A | T | I | R | A | M | A | S | L | J | K |
| T | H | A | S | S | R | U | A | H | L | L | O | K | O | O |
| H | H | A | R | U | H | E | K | L | U | K | A | N | D | A |
| O | O | C | R | R | V | D | E | W | W | I | E | L | U | J |
| B | M | V | U | E | U | M | X | X | O | R | P | R | L | T |
| B | J | D | U | G | F | S | I | S | S | A | Q | A | B | A |

**ALLA**
**BAQA**
**DEJJEM**
**DEWWIELU**
**GERIKO**
**GERUSALEMM**
**GHAREF**
**HALLELIN**
**KOLLHA**
**LIGI**
**LUKANDA**
**MGHALLEM**
**MOHHOK**
**PROXXMU**
**QALBEK**
**QASSIS**
**RABATHOMLU**
**RAGEL**
**RAH**
**RUHEK**
**SAMARITAN**
**THASSRU**
**THOBB**
**TIEGHEK**
**ZEJT**

Isem :______________________ Klassi:______________________

Kunjom:____________________ Skola:______________________

8< ----------------------------------------------------------------------------------------------------

**Mistoqsijiet dwar il-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena: (agħtu ħarsa lejn pġ.**4)

1. Kemm se jdum dan il-ġublew?

______________________________________________________________

2. Xi tfisser għalik li tkun *ħanin/a*?

______________________________________________________________

3. Semmi xi siltiet mill-Bibbja fejn Ġesù wera ħniena.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

4. X'taħseb li tista' tagħmel, speċjalment matul din is-sena, biex turi ħniena man-nies li taf?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

Isem :______________________ Klassi:______________________
Kunjom:____________________ Skola:______________________
8< ----------------------------------------------------------------------------------------------------

**Prosit lil kull min ħa sehem fil-kompetizzjoni Paċi u Ġid No.82 ta' Diċembru 2015 u r-rebbieħa huma: Stefania Livori (Yr 6, St Francis Bormla) u Luke Cachia Enriquez (Yr 5, St Francis Msida).**

Ir-rebbieħ/a tal-kompetizzjoni qed j/tingħata ktieb. Ir-rebbieħ/a jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mit-22 t' April 2016. Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'dan l-indirizz:

Kompetizzjoni 'Paċi u Ġid'
Triq Nazju Falzon,
L-Imsida, MSD 1720

jew

ħallu t-tweġibiet tagħkom fl-iskejjel tas-St. Francis (Msida, Bormla, B'Kara jew Rabat Għawdex).

**“Iċċekken f’kollox u dejjem…
ibqa’ ċerta li ssib kull paċi
u ferħ f’din il-ħajja msejkna,
u wara fl-oħra, it-tgħannieqa
għal dejjem tal-Maħbub Divin.”**

*Venerabbli Qaddejja T’Alla
Madre Margerita*



**Sorijiet Franġiskani
tal-Qalb ta’ Ġesù**